MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta ta' l-24 ta' April, 2009

Appell Civili Numru. 1/2009

**Vincenza Farrugia Spiteri**

**vs**

**George Cortis**

**Il-Qorti,**

Fis-17 ta' Dicembru, 2008, it-Tribunal ghal Talbiet tal-Konsumatur ippronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> **"**It-Tribunal
>
> Wara li ha konjizzjoni tal-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fit-3 ta' Lulju 2007 fejn ir-rikorrenti talbet danni ta' tlett elef, erba' mija u hamsa u disghin ewro (€3495) rapprezentanti elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin ewro (€2329) prezz ta' madum illi gie mqieghed hazin u elf, mija

u sitta u sittin ewro (€1166) rapprezentanti pagamenti varji illi hi hallset lill-intimat waqt li kien qieghed jaghmel ix-xoghol ta' qieghed tal-madum.

L-intimat ipprezenta risposta ghal din it-talba u attenda ghas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda tar-rikorrenti li hija l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda ta' l-intimat li huwa l-istess intimata, u wara li ha konjizzjoni tal-fatti kif ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

Ikkunsidra s-segwenti:

Ir-rikorrenti ssottomettiet illi hija xtrat mija u tletin (130) metri madum ghall-prezz ta' elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin ewro (€2329) u dan sabiex jinbidel il-madum illi kien diga hemm fil-fond taghha.

Ir-rikorrenti ssottomettiet illi x-xoghol ma nhadimx skond is-sengha u l-arti tant illi l-madum ma huwiex imqieghed invell u li l-intimat tant kisser madum sakemm qieghdu illi lanqas biss servieh sabiex jiksi kullimkien.

L-intimat issottometta illi x-xoghol kien ghamlu skond is-sengha u l-arti u li l-madum ma serviex ghaliex ma kienx hemm madum bizzejjed.

It-Tribunal ikkonsidra x-xhieda moghtija bil-gurament seduta stante mill-Perit Carmel Caccopardo.

It-Tribunal ezamina r-rapport ta' l-espert tekniku, il-perit Valeriano Schembri B.E.&A (Hons.)

It-Tribunal jinnota illi:-

Ir-rikorrenti xtrat mija u tletin (130) metru madum ta' l-art illi kellu jkun bizzejjed sabiex isir ix-xoghol

kollu izda waqt li dan il-madum kien qieghed jigi mqieghed l-intimat kisser ammont minnu u ghalhekk ma serviehx.

Jinnota wkoll illi hemm diversi difetti fosthom dislivelli fit-tqieghed tal-madum u fil-'grouting' kif ukoll difett ta' madwar ghaxra fil-mija fil-mano d'opera tac-cangatura.

Illi t-Tribunal jara li ghaxra fil-mija (10%) huwa hafna tenut kont illi si tratta ta' madum gewwa appartament.

It-Tribunal ma huwiex ser jidhol fil-kwistjoni jekk ghandux jinqala' l-madum jew le.

Ghal dawn il-motivi:

It-Tribunal wara li kkonsidra hawn fuq jiddeciedi li:-

Fl-ewwel lok jiddikjara illi l-intimat huwa responsabbli ghad-difetti fit-tqieghed tal-madum.

Fit-tieni lok jikkundanna lill-intimat ihallas lir-rikorrenti is-somma ta' sebgha mitt ewro (€700) kif ukoll l-ammont ta' mija u sittax-il ewro u hamsin centezmu (€116.50) illi r-rikorrenti ga hallset bhala spejjez ghall-espert tekniku, bl-ispejjez tal-kawza jigu sopportati ugwalment bejn il-partijiet.”

L-appell tal-konvenut fil-kontestazzjoni ta’ din is-sentenza hu redatt b’dawn l-aggravji:-

(1) Il-mod orali ta’ kif il-provi jingabru mit-Tribunal ma huwiex garanzija tal-principju ta’ smigh xieraq in kwantu meta l-kaz jiehu tul ta’ zmien biex jigi determinat jezisti r-riskju evidenti li dak li jkun intqal jintnesa;

(2) F’kull kaz, id-decizjoni tat-Tribunal mhix lanqas sorretta mill-provi, senjatament dik li taghmel il-perizja teknika;

Il-punt legali li fuqu jinsab bazat l-ewwel aggravji jirrigwarda l-mod tal-procedura adoperata mit-Tribunal fil-gbir tal-provi. L-appellanti jiddenunzja l-vizzju tas-sentenza minhabba lezjoni tal-principju ta' smigh xieraq ghar-raguni dettata fl-esposizzjoni ta' l-istess aggravju;

Jibda biex jigi osservat b'introduzzjoni illi r-regolamentazzjoni tal-procedimenti quddiem it-Tribunal adit huwa *ope legis* rimess lill-arbitru "bil-mod li jahseb li jkun l-aktar xieraq ghall-finijiet li tintaghmel gustizzja, skond id-dettami tal-gustizzja naturali" [Artikolu 23 (1), Kapitolu 378]. L-istess Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur, ghal dawk li huma l-funzjonijiet u l-attributi ta' l-arbitru, ikompli jipprovdi illi dan, *inter alia*, ghandu:-

(i) sa fejn ragonevolment possibbli, jimxi b'mod spedit [Artikolu 23 (20 (a)];
(ii) jitgharraf b'kull mod li jista' jidhirlu xieraq [Artikolu 23 (2) (b)];
(iii) jizgura li x-xhieda quddiem it-Tribunal ghandha f'kull kaz tinghata bil-gurament;

Ta' min jirrileva wkoll illi fit-termini tas-subinciz (3) ta' l-Artikolu 23 "ebda procediment quddiem it-Tribunal ma jkun invalidu minhabba fin-nuqqas ta' tharis ta' xi formalita sakemm wiehed ikun mexa b'mod konformi kemm jista' jkun mar-regoli";

Jinzel minn dan illi fil-paragun mar-rigorozita` li jesigu n-normi espressi taht il-Kodici ritwali (Kapitolu 12), il-procediment ta' kawza quddiem it-Tribunal, krejat mill-Att, huwa wiehed elastiku u pekuljari ghalih;

Issa l-prattika li evolva l-arbitru sedenti dan it-Tribunal specjali tidher li hi dik li hu jisma oralment ix-xhieda u l-provi li jitressqu quddiemu minghajr l-uzu tat-traskrizzjoni taghhom jew, almenu, ta' notamenti qosra riflettenti s-

sustanza ta' dik ix-xhieda, kif antikament kien isir permezz ta' *Judge's* jew *Magistrate's notes* li kienu jsibu posthom fl-atti. Ikollu jinghad illi ankorke din il-prassi tal-gbir tal-provi mhix wahda eskluza mid-disposizzjonijiet ta' l-Att, u anzi tista' wkoll tkun akkonsentita, ir-riflessjoni dwarha mill-punto di vista tal-principju *audi alteram partem* mhux dejjem ikollu jew ihalli l-ezitu mixtieq;

Wiehed ma jridx jinsa lanqas illi, kif prevvist mil-ligi fl-Artikolu 21 (1), "it-Tribunal jaqta' l-kwistjonijiet f'talba jew kontro-talba prezentata quddiemu skond kull mertu u gustizzja sostantiva tal-kaz, u skond l-ekwita", u dan necessarjament ifisser illi ghall-ezami ta' din il-proposizzjoni tal-ligi l-Qorti jkun irid ikollha, f'kaz ta' appell devolut lilha, il-kwadru shih tal-provi li jkunu nstemghu. Jekk xejn, biex, kif drabi ohra espress, il-Qorti taccerta ruhha dwar jekk id-decizjoni ta' fatt tkunx ittiehdet skond il-gustizzja sostantiva u l-ekwita`. Ara s-sentenzi ta' din il-Qorti fl-ismijiet "**Jennifer Hubbers -vs- Rite Mix (Gatt Bros.) Ltd**", 26 ta' Jannar, 2005 u "**Carmel Gerada -vs- Charles Borg Barthet (Beta Centre)**", 29 ta' Jannar, 1999;

Huwa ghalhekk desiderabbli illi ghall-iskop ta' l-ezercizzju ta' l-accertament li tkun trid taghmel din il-Qorti, l-inkartament tal-kawza jkun komplet bit-traskrizzjoni tax-xhieda. In-necessita ta' dan certament iservi biex din il-Qorti tipperkorri kif jixraq l-*iter* logiku-guridiku tad-decizjoni fl-amibitu tal-fatti attendibbli u tkun f'qaghda ahjar li tikkontrolla l-mertu tal-gudizzju mill-ottika ta' l-osservanza tal-principju tas-smigh xieraq. Ara f'dan l-istess sens "**Andrew Cassar *et* -vs- Victor Mercieca – Mercieca Furnishings Ltd**", Appell, 22 ta' Novembru 2006, konsegwita minn dik tar-riflessjoni korrispondenti illi "meta l-gudizzju ma jirriflettix kif jixraq l-impronta tar-razzjonalita`, kemm ta' <u>fatt</u> kif ukoll ta' <u>dritt</u>, dak il-gudizzju jippekka minn lezjoni tal-principju ta' gustizzja naturali. Dan sew procedurali kemm sostantiv" ("**Josephine Magro -vs- Mondial Holidays**", Appell, 28 ta' Marzu, 2007);

Dan kollu rilevat inhass mill-Qorti li kellu jigi registrat ghar-raguni illi biex sew il-parti sokkombenti, kif ukoll din il-Qorti fuq l-appell sottomess lilha, ikollhom l-opportunita li jkun adegwatament jafu l-elementi probatorji li fuqhom it-Tribunal ikun iffonda l-konvinciment tieghu, jekk gewx rispettati l-principji regolaturi tal-mezzi tal-prova u, fuq kollox, il-konsegwenza, o meno, tad-decizjoni mir-riskontru bejn il-provi traskritti u l-ezami omess jew inadegwat taghhom da parti ta’ l-arbitru;

Maghmula dawn il-konsiderazzjonijiet ta’ indoli generali bi twegiba ghall-ewwel aggravju, ma jistax ma jigix notat illi l-qofol tal-prova fil-kaz partikolari kienet taghmilha l-perizja ta’ l-espert tekniku nominat mit-Tribunal in kwantu, fl-ahhar mill-ahhar, kienet din li kellha tiddetermina l-ezistenza ta’ fattijiet determinanti ghas-sostenn tat-tezi tal-wiehed jew ta’ l-iehor fost il-kontendenti;

In succint, l-opinjoni relazzjonata ta’ l-espert kienet fis-sens illi in bazi ghal konstatazzjonijiet tieghu u fic-cirkustanzi minnu verifikati, “kemm fir-rigward tat-tqeghid (madum tac-ceramika fil-flat ta’ l-appellata), kemm fir-rigward tal-livell u wkoll tal-*grouting*, ix-xoghol (ezegwit mill-appellanti) huwa accettabbli u ma ghandux jinqala”. Immedjatament, minn din il-konstatazzjoni tinsorgi r-riflessjoni illi dak ritenut mit-Tribunal fis-sentenza appellata dwar “diversi difetti” ma ghandux fondament logiku u guridiku fuq il-bazi tal-prova akkwizita mill-perizja. Huwa veru li t-Tribunal ma kienx vinkolat bid-deduzzjonijiet ta’ l-espert mahtur minnu. Minn naha l-ohra l-anqas li kien mistenni kien illi almenu, trattasi ta’ prova eskluzivament teknika, it-Tribunal jattjeni ruhu fil-limitu ta’ l-intrinsiku tal-valutazzjoni teknika, *qua* fonti oggettiva ta’ l-accertament ta’ fatt dwar l-operat ta’ l-appellanti fl-ezekuzzjoni ta’ l-appalt. Ma jistax ma jigix denotat hawnhekk illi t-Tribunal ma pprovda ebda gustifikazzjoni l-ghaliex hass li kellu jiddissenti minn dik l-opinjoni ta’ l-espert, jew li ma juniformax ruhu ghal kollox maghha;

Maghdud dan, il-Qorti ma tistax lanqas teskludi htija fil-prestazzjoni ta' l-appellanti gjaladarba l-perit tekniku stabilixxa illi l-appellanti kien, fuq l-opinjoni tieghu, responsabbli ghal ghaxra fil-mija (10%) difett fil-mano d'opera. A sensu tad-dritt ekwitattiv u tal-gustizzja sostanzjali, tradotta din il-percentwali ghall-ammont tad-danni reklamati (€3495) ghandu jfisser illi se mai, l-appellanti ghandu jaghmel tajjeb ghas-somma ta' tliet mija erbgha u disghin euro u hamsin centezmu (€349.50).

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tilqa' l-appell limitatament fis-sens illi ssib lill-appellanti responsabbli ghal ghaxra fil-mija (10%) tad-difetti fit-tqeghid tal-madum u konsegwentement tvarja s-sentenza appellata billi tikkundannah jaghmel tajjeb versu l-appellata fis-somma ta' tliet mija disgha u erbghin euro u hamsin centezmu (€349.50). Huwa xieraq illi l-ispejjez kollha tal-kawza jitbatew fi proporzjon ugwali bejn il-kontendenti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------